

# *F'Għeluq is-sebgħin sena mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija*

Kitba ta' Mario Formosa Holt

Fil-jum li aħna bħala Parroċċa nfakkru il-FESTA Liturġika ta' Marija Stella Maris, jiġifiri Nhar it-8 ta' Mejju li għadda, Fl-Ewropa saret it-tifkira ta' meta sebgħin qabel kienet intemmet it-Tieni Gwerra Mondjali. F'dak il-jum aħna bħala Parroċċa nfakkru il-FESTA Liturġika ta' Marija Stella Maris. Kienet bla dubju gwerra li ħalliet miljuni mejta, ħafna oħrajn feruti u ħafna nies li tilfu kollox.

Malta, fortizza żgħira f'nofs baħar Mediterran ħasset ferm l-effetti koroh ta' din il-gwerra u ħallset prezz verament għoli b'ħafna mwiet, tifrik ta' knejjes, postijiet storiċi u fuq kollox b'ħafna nies jispiċċaw b'ta fuqhom senduqhom. Mill-Banda l-oħra, nistgħu nħossuna xi ftit iffortunati li raġġ ta' dawl rajnieh daqxejn qabel, bħalma ma naqraw f'parti oħra ta' dan il-ktejjeb. Dan kien nhar it-8 ta' Settembru 1943, festa oħra tal-Madonna. Iżda sakemm wasal Jum il-Vitorja ta' dakinhar, Malta kienet għaddiet minn Kalvarju tat-tbatija kbira.

**Tas-Sliema u L-Parroċċa ta' Stella Maris.**

Fi żmien l-ewwel Gwerra Dinjija, kien intqal li din il-gwerra kellha ttemm il-gwerer kollha. L-anqas laħqu għaddew għoxrin sena, li sħab tqil ma bdiex jiksi l-Ewropa kollha. Ma' l-invażjoni Ġermaniża tal-Polonja f'Settembru 1939, id-Dinja kollha ntebħet li din il-ħolma kerha issa saret realtà. Malta, Kolonja Britannika f'nofs il-Baħar Mediterran li jgħaqqad l-Afrika ma' L-Ewropa, żgur li kienet mhedda. L-awtoritajiet dak iż-żmien kienu diġà bdew jippreparaw lil poplu ta' dawn il-gżejjer bi provi ta' black-outs u curfews għall-eventwalità ta' meta jista jkun hemm xi air-raid. Saħansitra fil-ġurnal Times of Malta tad-29 t'April 1939 deher appell li fih dawk ir-residenti li kienu joqgħodu f'postijiet ta' riskju kbir bħal viċinanzi tal-port, il-mitjar jew it-Tarzna sabiex isibu post alternattiv fejn joqgħodu. Il-fortiżżi ta' madwar Tas-Sliema bħal dik ta' Tigne, tal-Forti Manoel, ta' Spinola u ta' Giorni ġew armati b'kanuni ta' kontra l-ajruplani. Barra minn hekk, fil-port ta' Marsamxett ġie sorġut il-bastiment tal-gwerra tal-klassi "Monitor" bl-isem HMS Terror, filwaqt li l-HMS Ladybird ġie sorġut fil-Bajja ta' San Ġiljan. Dawn kellhom żewġ kanuni enormi u xi għaxra oħra żgħar. Dan kollu jixhed kemm Tas-Sliema kienet ser tkun target tajjeb ta' ħbit mill-ajruplani ta' l-għadu.

Il-konferma li Malta kienet fi stat ta' gwerra ngħatat nhar l-10 ta' Ġunju 1940 bid-dikjarazzjoni ta' Gwerra min-naħa ta' Mussolini. L-anqas kienu għaddew tnax il-siegħa li ma bdewx niżlin l-ewwel bombi. Tas-Sliema mill-ewwel ġranet daqet il-morr tal-gwerra. Is-sitwazzjoni kompliet tmur għall-agħar meta fil-bidu ta' l-1941 daħlu fl-azzjoni l-ajruplani Ġermaniżi. Kien f'Marzu 1941 li bomba splodiet fi Triq Sta. Rita u f'ħakka t'għajn saret straġi sħiħa li ħalliet 25 mejta, 30 feruti u madwar 30 dar imġarrfa.

L-Agħar xhur tal-gwerra għal Malta żgur li kienu dawk ta' Marzu, April u Mejju 1942. Dan ma jfissirx li fix-xhur ta' qabel kollox kien kalm, speċjalment f'Tas-Sliema. Nafu per eżempju li bejn l-aħħar ta' Marzu 1941 sa sena wara ntlaqtu diversi toroq f'postijiet differenti, frott il-ħidma ta' l-għadu. Intefgħu bombi li għamlu ħerba sħiħa f'toroq bħal Triq it-Torri, Victoria Avenue, Triq San Pawl kif ukoll bombi splodew saħansitra fil-bitħa ta' l-iskola St. Elizabeth u fuq it-Teatru Gaiety. F'kelma waħda poplu Slimiż imwerwer u mbeżża' u jgħix fi stat ta' paniku minn ġurnata għal oħra. Iżda kif semmejna, l-agħar kien għadu ġej.



Nhar is-17 ta' Marzu 1942, waqt attack mill-ajru fuq l-għassa tal-Pulizija fi Triq Prince of Wales(illum Triq Manwel Dimech), tilfu ħajjithom erbatax il-persuna, filwaqt li fl-1 t'April waqt attack ieħor din id-darba fuq il-Knisja u l-Kunvent tal-Madonna tas-Sacro Cuor mietu 22 persuna oħra.

Fl-14 ta' Mejju ta' l-istess sena, bombi ta' l-għadu għamlu ħerba sħiħa fi Pjazza Annunzjata u mietu seba' minnies. Irridu ngħidu hawn li f'dawk iż-żminijiet imwiegħra s-sede tal-Filarmonika Stella Maris qdiet funzjoni soċjali



Il-ħsarat li soffriet il-Knisja nhar l-1 ta' Marzu 1942

billi s-swali t'isfel inbidlu fi klassijiet għat-tagħlim tat-tfal ta' l-iskola. Il-Banda, kif setgħet u kif kienu jippermettu ċ-ċirkostanzi baqgħet attiva, anke jekk il-Festa Titulari kienet issir b'forma ridotta. L-istess Banda nhar l-1 ta' Frar 1942 għamlet marċ mat-toroq tal-Parroċċa fl-okkażjoni tal-pussess tat-tielet kappillan, is-saċerdot Slimiż Dun Ġuzepp Inguanez. Wara l-funzjoni fil-knisja, l-istess Banda tellgħet programm mużikali fi Pjazza Annunzjata.
Biss, meta f'dak l-14 ta' Mejju, waqgħu l-bombi fuq Pjazza Annunzjata, Il-Każin sofra ħsarat strutturali, tant li l-kmamar ta' fuq il-bejt waqgħu, f'dawn il-kmamar kienu jinżammu l-istrumenti tal-Banda u għaldaqstant tkissru numru sewwa minnhom. Dawn l-istrumenti kienu nxtraw mis-Soċjetà disa' snin qabel mingħand id-ditta Boosey and Hawkes. Minbarra hekk parti mill-każin spiċċa bla saqaf. Aktar il-quddiem il-kumitat kien ħa somma flus biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li għamlu mill-War Damage Commission.

Kien il-Ħadd l-1 ta' Marzu 1942 għal ħabta tas-2.00p.m., Naturalment il-Knisja kienet għadha magħluqa. Fis-sagristija kien il-viċi Kappillan Dun Amadeo Bonello flimkien ma' l-abbati H. Warrington jistennew il-ħin sabiex jakkumpanjaw funeral. Barra, tistenna l-knisja tiftaħ kien hemm Dolores Borg ta' 60 sena li dakinhar tilfet ħajjitha.Jumejn wara fil-ħarġa tat-Times of Malta, F. Hudson jirrakonta kif ra' l-ajruplan Ġermaniz jinqata' minn formazzjoni ta' ajruplani, jinżel fil-baxx u jitlaq il-bombi fuq il-bini l-aktar viċin, Dak il-bini kienet il-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris.

Kif seħħet l-isplużjoni, Dun Made' b'kuraġġ ta' saċerdot erojku għadda minn qalb it-tifrik u mar neħħa s-Sagrament Imqaddes mit-Tabernaklu ta' l-altar maġġur imfarrak u ħadu fil-Knisja ż-żgħira. Iżda sabiex nifhmu aħjar x'seħħ dakinhar, ser nikkwota kelma b'kelma dak li kiteb Mons. Giuseppe Inguanez fil-ħarġa ta' Leħen is-Sewwa tas-Sibt 19 ta' Awwissu 1978.

*"Nhar l-1 ta' Marzu 1942 appena xahar wara li ħadt il-pussess ta' Kappillan ta' Stella Maris intlaqtet minn għadd ta' bombi u ġarrbet ħsara kbira. Meta wara l-air-raid,*



*b'qalbi ttaqtaq, nimxi fuq il-ġebel imwaqqa' dħalt fil-knisja, rajt xena ta' devastazzjoni, l-altar maġġur imfarrak, il-Kappellun tad-Duluri u l-altar imġarraf, diversi statwi frak, tnax il-kwadru fosthom dak titulari, imċarrta, il-linef trab, il-pulptu mtertaq u l-koppla mxengla timminaċċja li taqa'... kull fejn tħares xeni ta' distruzzjoni u qsim il-qalb".*

Fil-ġurnal Il-Berqa tat-Tlieta 17 ta' Marzu 1942, permezz ta' avviż l-istess kappillan Inguanez radd ħajr lil diversi persuni għall-għajnuna tagħhom f'dak il-mument ta' dieqa'. Hu jsemmi b'mod speċjali lin-nies ta' l-Air Raid Precautions u lill-pulizija taħt it-tmexxija tas-Supretendenti Jones u Xuereb, kif ukoll mill-membri tat-Tliet Servizzi. Radd ta' ħajr ukoll għall-Onor. A.P. Montano, District Commissioner ta' Tas-Sliema li malajr mar fuq il-post u beda jagħti l-pariri tiegħu. Il-Kappillan Inguanez temm billi f'ismu u f'isem il-parruċċani radd ħajr lill-Gvernatur u l-Arċisqof "għall-interess li wrew, billi l-preżenza tagħhom kienet ta' faraġ għal kulħadd".

Sadanittant sakemm sar ix-xogħol ta' rikostruzzjoni fil-knisja, l-armla tas-Sur Fons Maria Galea ċediet parti mill-Villa Betharram, fejn illum insibu s-sorijiet Ursolini, sabiex fiha jsir il-quddies.



Il-Kappillan Inguanez flimkien ma oħrajn qalb it-tifrik
Tal-Knisja Parrokkjali

Naturalment il-Kappillan Inguanez kellu biċċa wġigħ ta' ras mhux ħażin xi jsolvi. B'xorti ħażina ntilfu darba għal dejjem opri sagri ta' ċertu valur u preġju artistiku. Insemmu fost l-oħrajn il-kwadru tal-Kruċifissjoni, opra artistika ta' Giuseppe Cali flimkien ma l-istatwi tal-Madonna tar-Rużarju u tad-Duluri żewġ statwi tal-kartapesta li ħarġu minn idejn Karlu Darmanin u Vincenzo Cremona rispettivament. Intilfu wkoll l-istatwi tal-Qalb ta' Ġesù u ta' San Ġużepp. B'mod kważi mirakoluż il-Vara Titulari ta' Stella Maris, minkejja li n-niċċa tagħha kienet taħt il-koppla, tista tgħid li ma ġarrbet l-ebda ħsara konsiderevoli. B'għaqal kbir kienu tpoġġew xkejjer tar-ramel quddiem in-niċċa bħala prekawzjoni biex l-isbaħ opra tal-knisja tkun protetta. Fil-fatt dawn l-ixkejjer laqaw ħafna mill-blast tal-bomba. Ix-xjuħ tagħna jgħidu li f'dik ix-xena ta' devastazzjoni meta neħħew dan l-ixkejjer biex jaraw jekk il-Vara kienetx salvatx, meta raw li kienet sħiħa, l-moral ta' kulħadd qam u magħha l-ħeġġa biex jibnu dak li tkisser.

Il-Knisja ta' Stella Maris kif rajna ġarrbet ħsarat strutturali konsiderevoli u kif rajna kellha għal xi żmien tingħalaq għall-kult. Biżżejjed wieħed jiftakar li l-koppla, waħda mill-aktar imponenti f'pajjiżna, kienet imdendla, bilkemm iżżomm. Il-periti mqabbda apposta, ilkoll kienu tal-fehma li l-koppla kellha tinħatt. Ta' l-istess fehma kien il-Gvernatur Sir William Dobbie, li għalkemm ma kellux "warrant" ta' perit kien għamel karriera mar-Royal Engineers.

Iżda tnejn min-nies ħasbuha mod ieħor. Bl-għajnuna t'Alla u bl-interċessjoni ta' Marija Kewkba tal-Baħar li dejjem tindukrana, il-kappillan Inguanez sab spalla soda fuq xiex jistrieħ fil-persuna ta' l-imgħallem Feliċ Mifsud imlaqqam "ta' Pisanu". Taħt it-tmexxija għaqlija ta' l-imgħallem Feliċ, parruċċan u terzjarju fit-Terz Ordni Serviti ta' Marija, inbena ħajt diviżorju għoli 55 pied, wiesa' 32pied u oħxon 4 piedi. Dan serva sabiex fired il-kappellun tad-Duluri mill-bqija tal-Knisja u fl-istess ħin bħala support għall-istess koppla. B'hekk ix-xogħol li kien hemm bżonn isir, seta' jsir bl-inqas sogru.

Il-Knisja ta' Stella Maris, jew aħjar parti minnha, reġgħet fetħet għall-kult nhar il-Ħadd 20 ta' Diċembru 1942.





Il-purċissjoni ta' Stella Maris f'Awwissu 1942 niżla Triq San Vinċenz qalb it-tifrik.

Interessanti ninnotaw li ġurnata qabel, l-Arċisqof Mauro Caruana ġie jżur il-Knisja. Hu kien sodisfatt ħafna bix-xogħol ta' rikostruzzjoni tant li xi jiem wara bgħat ittra sabiħa lill-Kappillan Inguanez flimkien ma donazzjoni. Inriedu ngħidu hawn li fl-ewwel sentejn tax-xogħol il-kontijiet kienu jitħallsu personalment mill-kappillan Inguanez. Kienu jagħmlu tajjeb ukoll xi donazzjonijiet li kienu jingħataw kif ukoll qliegħ minn xi fieri li kienu jsiru għal dan il-għan. L-ispiża totali rikostruzzjoni tal-Knisja telgħet għal 30,000 lira sterlina, li biż-żmien tħallset mill-War Damage Commission.

Issa li l-attakki fuq Malta kienu battew xi ftit, ix-xogħol li kien għad baqa' jsir, seta' jitkompla. Fl-1944 reġa' nfetaħ mill-ġdid il-Kappellun tad-Duluri u sena wara tlesta x-xogħol fuq il-koppla u s-saqaf tal-korsija. Fil-fatt, bl-isplużjoni l-lanterna tal-koppla kienet imxiet disgħa pulzieri u allura kellha tinħatt u tinbena mill-ġdid. Waqt li kien qiegħed isir dan ix-xogħol kollu, barra li ssewwa l-kampnar li jagħti għal Triq il-Katidral, saru soqfa ġodda fis-sagristija kif ukoll inbena l-maħżen ta' taħt iz-zuntier li jagħti għall-kappellun tad-Duluri.

Naturalment barra x-xogħol ta' rikostruzzjoni kien hemm xogħol ieħor li ried isir bħal tiswija ta' artali, pavimentar ġdid taħt il-presbiterju, restawr tal-pulptu u artal ġdid tad-





Ħajt divisorju jidher jifred il-knisja Mill-kappellun tad-Duluri



Il-Kappillan Inguanez quddiem l-altar maġġur nhar l-20 Diċembru 1942, meta reġgħet fetħet il-Knisja. Fl-isfond jidher il-kwadru Titulari l-antik, li tpoġġa. Temporanjament minflok l-ieħor li kien qed jiġi restawrat.

Duluri fost l-oħrajn. Biż-żmien saru wkoll twieqi ġodda ta' l-istained Glass u pitturi ġodda mill-artist Mario Caffaro Rore. Il-kwadru titulari li kien ġarrab ħsara konsiderevoli kien ġie restawrat mill-pittur Giorgio Preca. Sakemm sar ir-restawr tal-kwadru minfloku tpoġġa l-kwadru titulari l-antik li llum naraw fis-Sagristija.

Finalment, wara l-morr kollu li ġġorr magħha kull gwerra, fuq ix-xefaq deher is-sema kaħlani safi minn kull sħaba tqila u ta' dieqa'. Il-poplu tagħna, minkejja l-feriti kollha li riedu ż-żmien sabiex jidderru, kellu biex jifraħ li fl-aħħar ħeles mil-madmad tal-qerrieda gwerra. Il-qniepen melodjużi ta' Stella Maris, li kienu għadhom kemm iżżanżnu tmien snin biss qabel, jiġifiri fl-1937, setgħu jerġgħu issemmgħu leħinhom ferrieħi. Il-Festa Titulari ta' Stella Maris setgħet terġa' tibda ssir bis-solennità kollha.

Niftakru li fl-eqqel tal-gwerra kienet issir biss proċessjoni votiva forma ta' pellegrinaġġ mingħajr l-Istatwa. Fuq kollox ħafna mir-residenti setgħu jerġgħu jirritornaw lura Tas-Sliema. Bir-raġun li l-poplu tagħna kellu għalfejn jifraħ f'dawk il-jiem. Is-Soċjetajiet mużikali kollha ntalbu sabiex ikomplu mal-ferħ tal-poplu billi kull waħda ddoqq fil-lokalità tagħha. Fil-fatt il-Banda Stella Maris kienet għamlet marċ mat-toroq tal-Parroċċa nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju 1945 u li beda fit-8.30p.m.

Wara ċ-ċelebrazzjoni tar-rebħ, kien imiss ir-rikostruzzjoni, u l-poplu Malti, poplu minn dejjem bieżel daħħal għal dan ix-xogħol b'determinazzjoni. Dan ukoll biex ipoġġi warajh dik il-paġna kerha. F'Tas-Sliema sinjal li l-ħajja bdiet tiġi lura għan-normal kien meta l-parroċċa ta' Stella Maris laqgħet lura b'ferħ kbir l-Istatwa Titulari, wara li sar xi restawr fuqha minħabba xi ħsarat li sofriet. Akkumpanjata mill-Banda Stella Maris u l-parruċċani twasslet lura fil-Knisja.





Il-bini mill-ġdid tal-Lanterna tal-koppla



L-istatwa ta' Stella Maris tinġieb lura wara l-gwerra

Bil-mod il-mod huma ftit dawk li għadhom huma ftit dawk li għadhom magħna u li għexu dawk iż-żminijiet imwiegħra. Dmirna jibqa' li nuru rikonoxximent lejhom u filwaqt li fit-talb tagħna niftakru f'dawk li telqu għal Ħajja Eterna nibqgħu ngħożżu ħdimthom fil-għlieda għall-libera' u ż-żelu tagħhom sabiex isalvaw dak li setgħu mill-qerda ta' l-għadu.

RIFERENZI:

Il-gurnali The Times of Malta u Il-Berqa ta' dik l-epoka.
Ktejjeb ta' tifkira fl-okkażjoni Inawgurazzjoni Monument tal-Gwerra. Ix-Xatt ta' Tas-Sliema, Il-Ħadd 26 t' April 1992.
Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta.#
Banda Stella Maris, Mitt Sena ta' Storja – Herbert Naudi
Programm Festa Marija Immakulata, Bormla 1999
Leħen is-Sewwa, 19 ta' Awwissu 1978





Il-kappillan Inguanez u fl-isfond l-Kwadru Titulari qed jiġi restawrat.